# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' April, 2021**

**Numru 5**

**Rikors Numru 311/20TA**

**Ryan Gellel (K.I. Nru: 0111196M)**
**20, 'Silver Linning', Triq il-Wilġa, Tarxien)**

**Vs**

**Alfred Xerri (K.I. Nru: 822455M)**
**(Royal Garden, Flat 5, Triq Piscopo Macedonia, Xemxija)**

**U**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143)**
**(Head Office, Msida Road, Gżira, GZR 140)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Ryan Gellel (l-Attur) tat-18 ta' Mejju 2020, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi nhar it-8 ta' Mejju 2018, seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Franġisku Pisani, l-Mosta meta waqt li l-attur kien tiela' direzzjoni lejn in-Naxxar, f'daqqa waħda ħarġet vettura misjuqa mill-konvenut Alfred Xerri li kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Toyota

Funcargo, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM 646, assigurata mal-kumpannija konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited permezz tal-polza ta' assigurazzjoni bin-numru: P63260390190 u baqa' dieħel fl-esponenti li dak il-ħin kien qiegħed isuq mutur tal-għamla Mash Seventy-Five bin-numru ta' reġistrazzjoni DCF 173;

2. Illi qed jiġi ppreżentat kopja tar-rapport tal-Pulizija bin-numru tal-NPS 9/T/1256/2018 hawn anness u mmarkat bħala Dok.A;

3. Illi dan l-inċident seħħ unikament u esklussivament minħabba negliġenza grassa, traskuraġni, b'nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Alfred Xerri li ma kienx attent u laqat il-mutur tal-esponenti Ryan Gellel;

4. Illi kaġun ta' dan l-inċident, l-esponenti Ryan Gellel sofra ġrieħi ta' natura gravi u l-effetti għadhom jinħassu sa issa u cioe` sentejn wara l-inċident. Illi saħansitra l-inċident wassal għal diżabilita` permanenti pero` għalkemm tali diżabilita` hija ċerta u dan skont il-konsulent tal-Ortopedija Mr Ray Gatt, ir-rapport li jiċċertifika kemm hija kbira d-diżabilita` għadu mhux konkluż u dan stante li t-testijiet kellhom jieqfu ħesrem minħabba l-COVID-19.

5. Illi kaġun ta' dan l-inċident, l-esponenti Ryan Gellel sofra u għadu jsofri danni konsistenti kemm f'*damnum emergens* kif ukoll f'*lucrum cessans* u dana peress illi huwa sofra debilita` permanenti f'persuntu u għadu sal-lum ibagħti l-konsegwenzi ta' dan l-inċident kif se jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

6. Illi sussegwentement l-intimat Alfred Xerri tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat li saq b'mod traskurat u perikoluż u li kkaġuna l-inċident in kwistjoni. Illi Alfred Xerri kien ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu b'dan li fuq il-mertu mhux kontestat li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni;

7. Illi s-soċjeta` konvenuta Gasan Mamo Limited kienet l-assiguratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM 646 fil-mument ta' l-inċident fuq imsemmi u għalhekk hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-esponenti a tenur ta' l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) nonostante kwalunke restrizzjoni li jista' jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni maħruġa għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni

DBM 646 u dan kif jipprovdi l-artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi minkejja illi l-konvenuti ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni ikkaġunati lill-esponenti Ryan Gellel kaġun ta' dan l-inċident huma baqgħu inadempjenti;

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

10. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Għaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qiegħed hawn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Alfred Xerri huwa responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-8 ta' Mejju, 2018 fi Triq San Franġisku Pisani, Mosta hawn fuq deskritt, f'liema inċident l-esponenti Ryan Gellel sofra debilita` permanenti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta` konvenuta Gasan Mamo Insurance Limited hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut Alfred Xerri versu l-esponenti għad-danni kollha sofferti mill-esponenti konsegwenza ta' l-istess inċident u dana ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan;

4. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-esponenti dawn id-danni jekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju 2020 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Alfred Xerri (il-konvenut) u s-Soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited (is-Soċjeta' konvenuta ) li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

“1. Illi in linea preliminari, il-konvenuti jeccepixxu illi l-mertu ta’ din il-kawza jinsab ezawrit u dan stante illi qabel l-intavolar ta’ din il-kawza u pecizament nhar it-30 ta’ Novembru 2018, l-attur ircieva u accetta hlas ghas-saldu ta’ kwalunkwe pretensjoni li ghandu u/jew li jista’ talvolta jkollu l-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-8 ta’ Mejju 2018 fi Triq Frangisku Pisani, Mosta bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBM 646 misjuqa mill-intimat Alfred xerri u l-vettura ta’ registrazzjoni DCF 173 misjuqa mill-attur u dan skond ma jirrizulta mid-*Discharge Receipt* illi kopja taghha qieghda tigi hawn esebita u annessa bhala **Dok. GMI 1**. Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, il-konvenuti jeccepixxu illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jista’ jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

3. Ghaldaqstant l-istanza attrici ma tistax tirnexxi b’dan illi sa minn issa, l-eccipjenti jirrizervaw d-dritt li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi se mai jkun il-kaz.”

Rat li l-partijiet qablu fis-seduta tat-22 ta’ Ġunju 2020 li jkun aħjar li qabel kollox tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw l-eċċezzjoni imsemmija fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2021;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Konvenuti.

## Punti ta' fatti

Fit-8 ta' Mejju 2018, l-Attur kien involut f'inċident awtomobilistiku fi Triq Franġisku Pisani il-Mosta meta kien qiegħed isuq mutur fid-direzzjoni tan-Naxxar. L-attur jgħid li f'daqqa waħda ħarġet vettura tal-marka Toyota li kienet qed tinstaq mill-Konvenut Alfred Xerri, l-assigurat tas-Soċjeta' konvenuta.

Jidher li l-imsemmi Alfred Xerri ammetta mas-Soċjeta' konvenuta li kellu t-tort għal dan l-inċident tant li s-Soċjeta' konvenuta kienet lesta biex tħallsu. Di fatti din ħallsitu l-ammont ta' €1,724.85 kif jirrisulta mid-*Discharge Re*ceipt (ara fol 17). Din is-somma tħallset lill-Attur permezz ta' cheque maħruġ fuq il-Bank of Valletta (ara a' fol 29 u 30).

B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jitlob li jitħallas id-danni konsistenti fost oħrajn *f'lucrum cessans* minħabba il-ġrieħi li sofra b'konsegwenza ta' dan l-inċident. Is-Soċjeta' konvenuta qed tirrifjuta ħlas peress li tikkontendi li meta l-Attur aċċetta l-ħlas fuq imsemmi u dan b'referenza għad-dokumenti fuq imsemmija, huwa aċċetta li ma kien fadallu ebda pretenzjonijiet aktar. Għalhekk f'dan is-sens ingħatat l-ewwel eċċezzjoni fuq imsemmija.

## Punti legali

Il-vertenza legali li għandha quddiemha din il-Qorti hija dwar l-estinzjoni tal-obbligazzjoni minħabba ħlas. Il-modi ta' kif tkun estinta obbligazzjoni hija prevista fl-Ewwel Parti tas-subtitolu V tat-Titolu IV tat-Taqsima II tal-Kodiċi

Ċivili. Il-pagament huwa wieħed mill-mezzi ta' kif tista' tkun estinta obbligazzjoni. Bl-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-Soċjeta' konvenuta huwa propju dan li qed tgħid. Qed targumenta li d-dokument iffirmat mill-Attur datat 30 ta' Novembru 2016, illiberaha minn kull obbligazzjoni li talvolta hi, u għalhekk anke l-assigurat tagħha, seta' talvolta kellhom fil-konfront tiegħu naxxenti mill-inċident fuq imsemmi.

L-awturi jiddedikaw kapitoli sħaħ dwar l-effetti u l-forma tal-pagament. Giorgio Giorgi fost oħrajn jiddentifika liema huma l-modi ġuridiċi ġenerali li jestingwu obbligazzjoni u jgħid hekk:

*"La prima ricerca deve esere, quali siano questi modi e come si possano classificare: ma non e' mestieri di molte parole per dimostarare, che, messi da parte I canoni positive, tutti i modi di estinguere le obbligazzioni deveono scientificamente far capo, o all'adempimento, o ad un accord fra creditore e debitore, che sia diretto a risolvere il vincolo o finalmente a un fatto, che distrugga il diritto del creditore, rendendo impossibile l'adempimento."* (**Giorgio Giorgi, Teoria Delle Obbligazioni, Vol VII, Ed. Fratelli Cammelli 1910 pg 1**).

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ser tkun qed tittrata dwar it-tieni kategorija ta' estinzjoni tal-obbligazzjoni u cioe' ftehim bejn il-Kreditur, f'dan il-każ l-Attur u d-debitur, f'dan il-każ il-konvenuti li huwa immirat li jirrisolvi l-vinkolu legali ta' bejniethom, b'mod li tal-aħħar jiġu definttivament illiberati mill-obbligazzjonijiet tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet**

Wara l-inċident fuq imsemmi, l-Attur daħal fi trattativi mas-Soċjeta' konvenuta sabiex jirriklama d-danni li sofra. B'konsegwenza ta' dawn it-trattativi, l-Attur irċieva l-ammont fuq indikat u sabiex seta' jagħmel dan iffirma d-dikjarazzjoni tat-30 ta' Novembru 2018 li testwalment tgħid hekk:

*"I the undersigned, hereby acknowledge that I have this day received from Messrs. GasanMamo Insurance Limited of Msida Road, Gzira 1405 as insurers of Mr Alfred Xerri the sum of One Thousand Seven Hundred Twenty Four Euro and Eighty Fivec only (euro 1724.85), in full and final settlement of all my claims, whether Lucrum Cessans or Damnum Emergens, now or hereinafter manifest and arising out of the accident which occurred on the 8 May 2018 at Mosta between Toyota registration DBM646 driven by Mr Alfred Xerri and Mash registration DCF173 driven by Mr Ryan Gellel.*

*I understand and agree with the contents of the above declaration, and is being signed in the presence of the attesting witness/es."* (a' fol 17)

Dwar din il-materja, il-Qrati tagħna esprimew irwieħhom diversi drabi. Fost osservazzjonijiet oħra jgħallmu li *"… in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment*

*jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kundizzjonnijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."* (ara **Sentenzi tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet St.George's Park Company Limited v. Pace Bonello Eric pro et noe tal-15 ta' Marzu 2002 u kif ukoll Appell Kummerċjali fl-ismijiet William Apap -v- Joseph Gasan et noe deċiża fis-26 ta' Novembru 1986**).

Ix-xhieda prinċipali dwar il-vertenza kienu l-Attur u Carl Borg għas-Soċjeta' konvenuta. It-tnejn minn nies li poġġew il-firma tagħhom fuq id-dokument fuq imsemmi. Il-Qorti ma tistax ma tistqarrx li fil-waqt ix-xhieda tal-Attur kienet kemm xejn konfuża u mhux daqstant konsistenti, dik ta' Karl Borg kienet ċara u konsistenti.

Karl Borg in kontro-eżami jispjega li "…*lil klijent li ser jithallas in full and final, sia ghal danni tal-mutur u sia minhabba aovvjament any future losses li jista' hu ha jikklemja . Li ovvjament li once li ha jiffirma din id-discharge ma jkunx jista' jaghmilha."* ( a' fol 84). Min-naħa l-oħra sa fejn jirrigwarda lill-Attur mill-provi jemerġu s-segwenti fatti:

Li qabel ma ffirma d-dokument qrah (a' fol 65). Dan għamlu meta ma kienx jaf xi jfissru il-kliem bil-latin "*damnum emergens"* u *"lucrum cessans*" (a' fol 68). Li Gasan Mamo kienu tawh parir li jkellem avukat qabel ma jiffirma iżda ħass li dak iż-żmien ma kellux bżonn avukat (a' fol 67). Jerġa' jsostni

dan fuq mistoqsija tal-Qorti u cioe' li dan il-parir ingħatali **qabel** u mhux wara li ffirma.

L-anqas ma jista' jingħad li s-Soċjeta' konvenuta ħallset biss b'cheque. Iżda qabel ħallset diġa' kellha d-*discharge* fil-pussess tagħha. Meta dan ma kienx il-każ, dawn il-Qrati għallmu li "*Ghal skop ta' ċertezza morali jekk id-debitur kellu l-intenzjoni li l-hlas bic-cheque kellu jkun wiehed finali, hu kien messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ricevuta jew kitba xort'ohra attestanti rricezzjoni tal-hlas ghas-saldu, u allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu.* " (Ara **Sentenza fl-ismijiet Francis Ciantar proprio et nomine -vs- Norman Clews et , tal-Prim' Awla, Qorti Ċivili tat-12 ta' Ottubru, 2005**).

L-anqas ma jista' l-Attur jinsisti li hu ma kienx jaf għalfejn kien qiegħed jiffirma. L-għażla li ma jkellimx avukat qabel ma jiffirma kienet tiegħu. Ma jistax l-anqas jilqa' bl-injoranza tal-liġi għaliex *ignoranza iuris nemo excusat.* (ara f'dan ir-rigward **Sentenzi tal-Prim Awla fl-ismijiet Raymond Bonnici noe v. Horace Tonna tal-24 ta' April 1992 u dik fl-ismijiet Frances Fava v. Anthony Ciantar tas-26 ta' Frar 2003**).

F'dan ir-rigward l-anqas ma jista' jingħad li l-Attur kien illiterat, għaliex kif irriżulta mill-provi, apparti li gradwat saħansitra kien għamel sat-tieni sena mediċina, li aċċidentalment materja li xi ftit tal-latin għandha ukoll. Iġifieri għalkemm mhux latinista, l-Attur kien pero' familjari ma' dak l-ilsien (ara a' fol 80 u 81). Jekk finalment ma fhemx x'kienu dawk il-kliem bil-latin seta'

dejjem jieħu parir minn avulat qabel ma jiffirma, kif fil-fatt issuġeritlu s-Soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti eżaminat il-kliem fid-*"discharge form"*u waslet għall-konklużjoni, li l-anqas li kieku ma kienx hemm dawk il-frażijiet bil-latin, xorta kien ikun hemm biżżejjed indikazzjoni ta' x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi bl-aċċettazzjoni tal-ħlas. Il-ħlas kien qiegħed jsir "*in full and final settlement of all my claims … ... now or hereinafter manifest and arising out of the accident which occurred on 8th May 2018* …". Li kieku d-danni kollha ma kienux koperti b'mod, li jingħata x'jifhem li l-ħlas kien qiegħed isir speċifikament għad-danni attwalment subiti seta' jkun hemm konsegwenzi oħrajn għas-Soċjeta' konvenuta (ara **Sentenza fl-ismijiet Peter Attard -vs- Lawrence Fino tal-Prim Awla tat-28 ta' Marzu, 2008)**.

Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar dak li jiddisponi 992(1) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe': *Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*. F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*L-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jirrizultaw minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta` ligi bejniethom (pacta sunt servanda) [ara l-Art.992 (1) tal-Kap 16], u l-ebda Qorti m`ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b`xi difett li ggibu ma jiswiex."* (ara **Sentenza tal-Prim Awla tas-7 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet Michael`s Foundation for Education kontra -vs- Attard (Works) Limited**). Issa din il-Qorti ma tista'

issib ebda difett fid-dikjarazzjoni tat-30 ta' Novembru 2018 , li għażel jiffirma l-Attur, x'aktarx b'għaġġla, b'mod iġib din l-iskrittura ma tiswiex, inkwantu il-ħlas sar anke għas-saldu ta' danni oħra naxxenti mill-inċident inkwistjoni. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwenzjalment tiċħad it-talbiet attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża, billi fil-waqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti, konsegwenzjalment qed **tiċħad it-talbiet** Attriċi.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**